# Lorenzo u Carmela Balbi Storja ta' Knisja

*Tagħrif ġie miġbur mis-sur Byron J. Sammut.*

Alla, li jista' kollox, ma jaraha xejn bi kbira li jinqeda' bil-bnedmin biex iwettaq xi pjan tal-Providenza tiegħu. Hekk għamel meta ried iżur bil-grazzja tiegħu din l-art tal-Marsa. Il-Mezz f'idejn il-Providenza t'Alla kien is-Sinjur Lorenzo Balbi u Martu Carmela, mwielda Ozzini.

Lorenzo Balbi kien mill-Belt, Parroċċa ta' S. Duminku. Twieled fil-31 t'Ottubru 1845 minn Filippu Balbi u Carmela Darmanin u ġie mgħammed l-għada fil-knisja ta' l-istess parroċċa. Baqa' dejjem fil-Parroċċa ta' San Duminku meta miet kien joqgħod fid-dar No. 144, "Strada S. Luċia", kantuniera ma' "Strada Rjali", li kienet ġiet imwaqqa' fl-aħħar gwerra.

Fis-16 ta' Ġunju 1872 iżżewweġ lil Maria Carmela Ozzini mill-Belt Valletta wkoll, bint Antonio Ozzini u Giovanna Galea, fil-knisja ta' S. Duminku quddiem il-Kappillan Patri G.M.Bonello, O.P.

Il-veterani kollha li għadhom jiftakru lis-Sinjuri Lorenzo u Carmela Balbi ma jafux jgħidu ħlief ġid fihom. Ulied ma kellhomx imma kellhom fuqhom il-barka t'Alla li kienet tidher fil-kuntentizza u fil-ftehim ta; bejniethom; Hu kien "raġel ta; qalb tenera u karitattiva"; hi "mara twajjba u tar-ruħ". Il-Knisja u l-Kunvent tal-Marsa huma monument ħaj tal-fidi qawwija u tat-tjubija tagħhom it-tnejn.

Is-Sinjura Carmela Balbi kienet ila bix-xewqa li hi u żewġha jibnu mqarr daqqxejn ta' kappella, kemm għall-ġid spiritwali tal-pubbliku u kemm biex fiha jiġu midfunin wara mewthom. Din ix-xewqa qaddisa tagħha kellha tiġi mwettqa, għax kif ikompli s-Sur Tonin Merċieċa, "iz-ziju kien dejjem jikkuntentha f'kollox", Il-ħsieb tagħha għall-ewwel kien li jibnu kappella bit-titlu tal-Madonna ta' Lourdes. Għadda ż-żmien u din l-kappella baqgħet fil-ħsieb biss.

Aktar tard l-għajnejn ta' Balbi waqgħu fuq il-Marsa. X'kienet il-vera kawża ma' rnexxilniex nkunu nafu. Aktarx li xi ħadd ġibed l-attenzjoni tiegħu fuq il-fatt, li kien hemm bżonn l-aktar urġenti ta' Knisja parrokkjali fil-Marsa. Kien żgur Alla, fuq kollox li bil-providenza speċjali ried jaħseb għall-bżonnijiet spiritwali ta' wliedu.

L-ewwel xogħol beda fl-24 t'Awissu 1909. Fl-20 t'Ottubru ta' l-istess sena ġiet imbierka u mqegħda l-ewwel ġebla tal-knisja l-ġdida mill-W.R. Dun Emmanuele Vassallo D.D.; bħala delegat tal-E.T. Mons. Pace. Din iċ-ċerimonja ma sritx b'forma solenni. Skond il-kronaka ta' P. Sebastjan, kien s-7:30 ta' filgħodu u kien hemm preżenti xi 200 ruħ. Sfortunatament, ma ġietx konservata kopja ta' l-iskrizzjoni li ġiet imqiegħda taħt l-ewwel ġebla.



(ikompli f'paġna 57)

Mela b'kollox l-knisja Parrokkjali tal-Marsa damet tinbena sentejn u disa' xhur. Magħha sar ukoll il-bini tal-kunvent, kif ngħidu aktar il-quddiem.


LORENZO BALBI

NEGOZIANTE

E MARIA CARMELA NATA OZZINI

Conjugi Benemeriti

L'anno del Signore MCMXII

Fecero del propio edificare

dalle fondamenta

questo Tempio parrocchiale

e il contiguo convento

provvidero interamente

l'uno dei sacri arredi

l'altro della mobiglia

e gli diedero in dono

ai padri Capuccini di Malta

per atto del XIX Novembre MCMXII

firmato da Francesco G. Schembri

Notaro Pubblico

questa memoria

I padri Cappuccini

posero riconoscenti.

Kienet għadha mhix lesta minn kollox, meta fiha saret l-ewwel ċerimonja pubblika – dik tat-tberik u tal-Konsagrazzjoni tal-qniepen. Kien l-14 ta' Marzu 1912. L-erba' qniepen tal-Magħrufa ditta Berigozzi ta' Milan kienu mdendlin fl-aħħar kappella tal-knisja. Iċ-ċerimonja saret mir-Rev. Mons. Luigi Attard, Vigarju Ġenerali tad-Djoċesi fil-Preżenza tas-Sur Lorenzo Balbi, tal-Komunità tal-Patrijiet Kappuċċini u ta' ħafna nies. Il-parrinijiet tal-qniepen kienu il-Prof. Antonio Nani għall-Kbira, li ġiet mgħammda bl-isem ta' "Lorenza"; Is-Sur Giov. Domenico Debono, il-perit tal-Knisja, għat-tieni qanpiena bl-isem ta' "Maria Carmela"; is-Sur Almerigo Busuttil għat-tielet, li ġiet imsemmija "Paulina" u s-sur Giovanni Anastasi għall-iżgħar waħda, "Francesca".

Imm' Alla ma jħalli 'l ħadd mingħajr il-prova. Lil Balbi messitu wkoll id-daqqa tiegħu. Balbi, ma' ħafna oħrajn , kellu jsoffri t-telfa ta' kapitali kbar tiegħu.

Kellu għall-anqas konsolazzjoni kbira li kien laħaq lesta minn kollox il-Knisja u l-Kunvent tas-S.S. Trinita'. Kif jistqarr Mons. P. Buttigieg, li kien ħabib kbir tiegħu, Balbi kien jgħid "Ninsab kuntent ħafna li lħaqt għamilt din l-opra" . U.P. Fulġenz, li ilu kważi mill-bidu fil-kunvent tal-Marsa, jgħid li Balbi kien iħobb jgħid : "Kelli għanqud għeneb, ħadt għenba biex bnejt knisja u kunvent. Kieku kien imur kollox mar-riħ". Hekk ikunu nies tal-ispirtu tajjeb u ta fidi ħajja.

Lorenzo Balbi kien ġie onorat bit-titlu ta'Kavalier tal-Ordni ta' S. Silvestru mill-Papa San Piju X b'digriet tat-22 ta'Mejju 1913. U dan fuq l-inizzjattiva tal-W.R.P. Tumas minn Ħal Tarxien, Provinċjal tal-Kappuċċini , u wara t-talba mressqa mill-E.T. Mons. Isqof P.Pace u mill-istess Kardinal Domenico Ferrata, li kien legat mal-Papa fil-Kungress Ewkaristiku Internazzjonali ta' Malta. Is-Sinjura Balbi ġiet wkoll onorata bid-dekorazzjoni "Pro Eclesia et, Pontefice" mill-Papa Beneditt XV b'digriet tat-18 ta'Mejju 1916.

Il-Kav. L. Balbi miet fit-12 ta' Lulju 1922 fl-eta' ta' 78 sena. Billi l-katavru kellu jigi midfun fil-Knisja minnu mibnija, il-Kappillan ta' San Duminku, Patri Timotju Sammut wasslu sal-Blata –il Bajda, limiti tal-Marsa, fejn kien jistennih l-ewwel Kappillan tal-Marsa, Patri Piju, flimkien mall-Provinċjal u l-patrijiet Kappuċċini kważi kollha u l-Għaqdiet tal-Parroċċa li kienu diġa twaqqfu u n-nies kollha tal-Marsa. Minn hemm ġie meħud b'funeral solenni lejn il-knisja tiegħu; fih ġie midfun bl-unuri kollha li kienu jixirqulu.
Tliet xhur wara ġie mqiegħed hdejh ukoll bl-istess unuri l-katavru ta' martu Maria Carmela, li mietet fit-22 t'Ottubru l-istess sena fl-eta ta' 65.
Hemm, fil-qalb tal-knisja tagħhom, it-tnejn flimkien jistennew il-ħlas tal-glorja tal-qawmien u sadattant minn hemm ixandru lil kulħadd l-eżempju tal-generosita u tal-fidi kbira tagħhom.


Questo Tempio

e il contiguo Convento

furono innalzati

sul disegno dell'Architetto

Giovanni Domenico Debono

perito agrimensore

e con esecuzione

di Michele Mifsud

Capomaestro

la prima pietra del tempio

fu Benedetta e collocata

da Mons: Emanuele Vassallo

il XX Ottobre MCMIX.

il convento fu principiato

il XV Settembre del MCMX

ambidue gli edifizi

furono condotti a termine

il V Agosto del MCMXII.

I padri Cappuccini

a perpetua memoria.